



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B8-0446/2016**

31.3.2016

# **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar twissija b'rabta mal-falsifikazzjoni maħruġa mill-UASI

**Mara Bizzotto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar twissija b'rabta mal-falsifikazzjoni maħruġa mill-UASI**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi ż-żewġ rapporti reċenti ppubblikati mill-Aġenzija Ewropea għall-Proprietà Intellettwali (UASI) juru l-ħsara sostanzjali kkawżata mill-falsifikazzjoni ta' boroż, arloġġi u ġojjelli lill-ekonomija tal-UE;
- B. billi minħabba l-falsifikazzjoni s-settur tal-ġild tal-Ewropa tilef EUR 3,2 biljun f'bejgħ u 25 700 impjieg, filwaqt li dak tal-ġojjelli sofra ħsara ta' EUR 3,5 biljun f'bejgħ mitluf u ntilfu 28 500 impjieg;
- C. billi l-Italja hija l-Istat Membru l-aktar affettwat mill-fenomenu tal-falsifikazzjoni f'dawn iż-żewġ setturi, b'telf ta' EUR 520 miljun u 3 400 impjieg fis-settur tal-ġild u EUR 400 miljun u 4 000 impjieg fis-settur tal-ġojjelli;
- D. billi l-Ewropa għaddejja minn kriżi tax-xogħol u jeħtieġ li tingħata spinta mill-ġdid lill-ekonomija;
  1. Jistieden lill-Kummissjoni biex iddaħħal fis-seħħ miżuri adegwati sabiex twaqqaf il-falsifikazzjoni f'dawn is-setturi;
  2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tippromwovi forom ta' appoġġ għal dawn is-setturi affettwati mid-dħul massiċċ ta' prodotti foloz fis-suq Komunitarju.